# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

Ottubru 2016
Nru. 212


# Fr. Clive Camilleri, OFM jipprofessa Solenni



Nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru, Festa tal-Esaltazzjoni tas-Salib, Fr. Clive Camilleri OFM għamel il-Professjoni Solenni tiegħu f'idejn il-Ministru Ġeneral Fr. Michael Perry OFM. Din saret fil-Knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem, B'Kara.

Prezenti għal din iċ-ċelebrazzjoni kien hemm id-Definitorju Ġenerali li kien Malta għal laqgħat, is-Segretarji tal-Missjonijiet u l-Evanġelizazzjoni tal-Lingwa Ingliża li kienu Malta għall-laqgħa annwali tagħhom, Patrijiet, Sorijiet, membri tal- OFS u diversi ħbieb, qraba u familjari ta' Fr. Clive.

Fl-omelija tiegħu l-Ministru Ġeneral tkellem fuq l-importanza tas-smigħ għall-leħen ta' Ġesù. Wara li tisma l-leħen huwa importanti li tiddixxerni l-messaġġ li għandu għal kull persuna b'mod personali. Huwa mportanti li l-in-

*ikompli f'paġna 3*

## *Il-Ministru Ġeneral u d-Definitorju Ġenerali f'Malta*

Mit-Tnejn 12 sal-Ħamis 15 ta' Settembru, fid-Dar tal-Irtiri Porziuncola, il-Ministru Ġeneral, Fr. MIchael Perry OFM flimkien mad-Definitorju Provinċjali u s-Seġretarju Ġenerali, iltaqgħu Malta għal-sessjoni ta' laqgħat fuq l-Ordni Franġiskan, kif ukoll biex jipjanaw is-sena ta' ħidma ġdida li għada kemm bdiet.



*ikompli f'paġna 2*

## Nitwieldu mill-Ġdid

Żewġt irġiel anzjani, imdaħħlin sew fiż-żmien, kienu qegħdin jilgħaqu x-xemx minn fuq iz-zuntier tal-Knisja tar-raħal. Ħin minnhom wieħed minnhom qal lil ieħor, "Kif spiċċajt Ġuż! Qabel kont qisni xadina nitla u ninżel ma sellum, nitla' t-taraġ sitta sitta!" U l-ieħor wieġbu, "Mela mhux bħali Nikol. Jien inħossni twelidt mill-ġdid!" "Kif jista' jkun?" wieġbu dak. "Int ixjeħ minni u tħossok twelidt mill-ġdid?" "Iva sieħbi", qallu Ġużeppi. "Inħossni twelidt mill-ġdid għax bħal tarbija tat-twelid jien bla xahar, bla snien u nagħmel taħti!"

Veru li kif igħid il-Malti, "Darbtejn insiru tfal!" U minnu wkoll li Ġesu' jgħid lil Nikodemu li jeħtieġ nitwieldu mill-ġdid. Imma nemmen li żgur li Ġesu' ma kienx qiegħed jifhem dak li qal Ġużeppi lil sieħbu Nikol. Fil-fehma ta' Ġesù, "nitwieldu mill-ġdid" ifisser, nitwieldu mill-Ispirtu għal ħajja ġdida.

Aħna wlied Franġisku t'Assisi li tiegħu dan ix-xahar niċċelebraw is-Solennità, bħalu irridu nagħmlu tagħna dak li jgħidilna hu, "Il-Mulej tagħni l-grazzja li nagħmel penitenza!" Penitenza mhux daqstant biss ħajja ta' sagrifiċċju u ċaħda, imma fil-veru sens tal-kelma - KONVERŻJONI! Bħal San Pawl ngħidu li l-biniedem il-qadim spiċċa u issa minfloku hemm il-bniedem il-ġdid. Forsi mhux hekk naqraw fit-tieni qari tal-

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1



Quddiesa tas-Solennità ta' Missierna San Franġisk? "….xejn ma hemm ta' siwi, imma jiswa biss li nkunu ħolqien ġdid!" (Gal 6, 14-18)

San Pawl ikompli, "U fuq dawk li jimxu fuq din ir-Regola, is-Sliem u l-Hena ikun fuqhom ukoll kif ukoll fuq Israel ta' Alla!" Meta aħna bil-għajnuna ta' Alla ngħixu sewwa is-sejħa tagħna, ngħixu din ir-Regola li hija l-Vanġelu ta' Sidna Ġesu' Kristu, fl-Ubbidjenza, bla xejn tagħna (Faqar) u fil-Kastita', is-Sliem u l-Hena tal-Mulej ikun fuqna u fuq dawk ta' madwarna, il-Poplu ta' Alla (Israel ta' Alla).

Din hija x-xewqa u t-talba tiegħi għalina lkoll! Dan huwa l-programm ta' ħajjitna! Dan huwa fl-istess ħin ir-raġuni u l-iskop ta' dak li aħna u ta' kulma nagħmlu.

Il-Mulej jagħtikom dan is-Sliem, din il-Hena!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

## ...ittra ta' ringrazzjament.

minn paġna 1

Minbarra l-laqgħat li kienu ta' natura kunfidenzjali, huma kellhom diversi impenji u laqgħat fosthom laqgħa mal-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna, il-Professjoni Solenni ta' Fr. Clive, kif ukoll intervent waqt il-laqgħa li kienet qed issir fl-istess żmien tal-Konferenza Ingliża tal-Missjonijiet u Evanġelizzazjoni.

Wara l-quddiesa tal-Professjoni Solenni hu kellu ukoll mument biex jiltaqa' mas-sorijiet Klarissi, kif ukoll ma kongregazzjonijiet ta' sorijiet oħra li ħadu l-opportunità biex ikellmuh u jieħdu xi ritratt miegħu!

F'ittra ta' ringrazzjament li bagħat f'isem id-definitorju huwa rringrazzja lil dawk kollha li taw is-servizz kemm fid-dar, fl-ikel u fl-ospitalità tagħhom.



Dear Richard, 20/09/2016

On behalf of the General Definitory, I am writing to thank you for the wonderful hospitality you provided us on our recent visit to Malta. The room and food were beyond all expectations. And the visit you organized to the restaurant/musical-cultural event, and the tour of the old city were fantastic. May God bless you, the friars, and also the lay staff who worked so hard to make our visit pleasant, fraternal, and effective.

Fraternally yours,

Huma wrew ukoll gratitudni għall-mumenti fejn bħala provinċja dawwarnihom f'diversi postijiet kemm kulturali kif ukoll għal-ikel. Forsi b'mod partikolari l-lejla Maltija li għexna f'ta' Maria Restaurant, li żgur nizlet tajjeb ma kull min kien preżenti, kemm bħala ikel, żfin u rakkont b'mod ferrieħi tal-istorja ta' Malta.

Fl-aħħar huwa ukoll irringrazzja lill-istaff tad-dar għax xogħol tagħhom biex kellhom żjara pjaċevoli, fraterna u effettiva.

## Ottubru
## Appuntamenti

**04** ta' Ottubru, Festa Missierna San Franġisk: Quddiesa għal-Patrijiet kollha fil-Knisja Santa Maria ta' Ġesù, Valletta, fis-6.15pm.

**08** ta' Ottubru, Festa Tfal: Ċentru San Franġisk Ħamrun fl-10.00am.

**10** ta' Ottubru, Laqgħa għall-membri tal-Proġett "Carbon Footprint" Dar tal-Irtiri Porzjuncola, Baħar iċ-Ċagħaq, fl-4.00pm.

**10** ta' Ottubru, Il-Ministru Provinċjal jattendi għal-Laqgħa tal-ESC il-Kanada

**17** ta' Ottubru, Pellegrinaġġ Provinċjali fis-Sena tal-Ħniena, mill-Knisja Santa Maria ta' Ġesù, Rabat għal-Katidral, fis-6.15.

**17** ta' Ottubru, Definitorju Provinċjali: Rabat

**28** ta' Ottubru, Ordinazzjoni Djakonali ta' Fr. Clive Camilleri u Fr. Ramon Farrugia, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta fis-6.30pm.

**29** ta' Ottubru, Jum is-Sejħa Franġiskana: Għawdex.

### Birthdays - Ottubru

07. P. Gwann Azzopardi
15. P. Angelo Falzon
16. P. Alexander Borg
18. P. Joe Caruana
22. P. Anton Farrugia
28. P. Richard Stanley Grech

### Festi - Ottubru

02. P. Angelo Falzon
09. P. Dionysius Mintoff
13. P. Edward Pace
13. P. Edward Zammit
23. P. Gwann Micallef
26. P. Alfred Sciberras
26. P. Alfred Tabone

# Prof. Sol.: "Il-Mixja tiegħek bħal ta' Franġisku" - MĠ

minn paġna 1

vit li jagħmel Ġesù jispirana biex inkunu awtentiċi, iħeġġiġna iktar għal-Vanġelu, li jrid iwassalna fit-triq tal-ħniena, tar-rikonċiljazzjoni u tal-imħabba. Huwa kompla billi qal, li dak li qed nagħmlu meta ningħaqdu ma' Clive meta qed jagħmel il-Professjoni Solenni b'mod pubbliku huwa li wieħed jgħix ħajja umana awtentika, Nisranija u Franġiskana, mimlija bil-passjoni għall-Vanġelu u bl-imħabba għal dak kollu li Alla jħobb.

Waqt l-omelija qal lil Clive li żgur li ġej minn għadd ta' esperjenzi u biex jemmen li Alla qed ifittex li joffrilu d-don ta' ħajja ġdida permezz tal-Professjoni Solenni fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Kompla jgħidlu: "Inti esprimejt r-rieda tiegħek biex tħaddan t-tliet kunsilli evanġeliċi - l-istil tal-ħajja tagħna:

- Ubbidjenza: rieda li tisma' bil-qalb miftuħa għall-leħen ta' Alla li jitkellem fid-dinja, jitkellem fi u permezz tad-dixxerniment kollettiv tal-aħwa fl-Ordni u fil-Knisja, u jitkellem fil-esperjenza ħajja tagħhom stess.
- Kastità - din il-forma tal-imħabba, li mhijiex esklużiva iżda pjuttost miftuħa, ftuħ ta qalb il-bniedem b'tali mod li dan jista' jħaddan lil dawk kollha li Alla jibgħat fil-ħajja ta' Clive.
- Ħajja mingħajr xejn tiegħek - is-sempliċità tal-ħajja li tfittex li tippossedi l-imħabba ta 'Alla, biex tippermetti lil Clive biex iħaddan ħajja itineranti - missjunarja - Evanġelika."

Iċ-ċelebrażżjoni kompliet billi Fr. Clive għamel il-wegħda għal ħajtu kollha li jimxi fuq il-passi ta' San Franġisk wara Ġesù f'idejn il-Ġeneral.

Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni l-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech OFM irringrazzja lil Ġeneral għal presenza tiegħu u taħ ikona tas-Sagra Familja. Wara l-quddiesa sar riċeviment quddiem il-Knisja. AD MULTOS ANNOS!

*Tista' issib iktar informazzjoni, testi, videos, u sound clips fuq is-sit tal-Provinċja fuq:* www.ofm.org.mt













# Velja ta' preparazzjoni

It-Tlieta 13 ta' Settembru ġiet ċċelebrata l-Velja ta' Talb u adorazzjoni bħala preparazzjoni għall-Professjoni Solenni ta' Fr. Clive Camilleri, OFM.

Il-Velja li saret fil-Kappella tal-Monasteru tas-Sorijiet Klarissi f'San Ġiljan, kienet immexxija mill-Ministru Provinċjal P. Richard S. Grech OFM, saret Adorazzjoni imżewqa bil-qari dwar is-sejħa ta' Marija, mument ta' talb, kif ukoll messaġġ tal-Ministru Provinċjal. Matul din il-velja ukoll tfakkar l-20 anniversarju taż-żwieġ ta' ħu Fr. Clive li għalih ingħatat barka.

Naturalment ma setax jonqos li preżenti għal din il-velja ikun hemm il-Patrijiet, Sorijiet, qraba u ħbieb ta' Fr. Clive li deher viżibilment emozzjonat.



## Ħonduras: Djaknu Ġdid.



Mons. Robert Camilleri OFM għadu kif ordna djaknu ġdid. Huwa kitbilna hekk: "din is-sena se jkollna saċerdot wieħed biss għal Diċembru imma s-sena d-dieħla, jekk Alla jrid, se jkollna ħamsa u s-sena ta' wara ħamsa oħra u ta' wara erbgħa. Il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi. Is-sena d-diehla se jidħlu għaxar seminaristi ġodda.

Jekk kollox imur sew forsi niftħu ħames parroċċi oħra fi żmien tliet snin u nibagħtu xi sacerdoti jistudjaw Ruma għax l-għalliema tas-seminarju qed jixjieħu u jridu replacement".

## Se jaħdmu barra minn Malta.



Fiċ-ċirkulari ta' San Franġsik ta' din is-sena l-Ministru Provinċjal ħabbar li uħud mill-Patrijiet se jmorru jaħdmu barra minn xtutna. Dawn huma, P. Albert Micallef OFM ser jingħaqad mal-Fraternita' ta' Nicolo' V ġewwa Ruma, u P. Charles Grech OFM ser jingħaqad mal-Fraternità ta' St. Jane Francis ġewwa l-Kanada.

P. Stephen Sciberras OFM u P. Charles Diacono, OFM ser jingħaqdu mal-Fraternità ta' Stratford ġewwa Londra, parroċċa tal-Kustodja Ingliża u P. Raymond Camilleri OFM talab li jmur l-Art Imqaddsa. (Ara ċirkulari fuq www.ofm.org.mt)

## Projett biex jitnaqqas is-$CO^2$



Il-Provinċja se tkun qed tieħu l-inizjattivi biex jonqos il-carbon footprint fil-kunventi tagħna. Kull fraternità għandha xi ħadd responsabbli biex jaraw li jitwettaq dan il-proġett. Il-Ħamis 29 ta' Settembru ġie iffirmat fethim biex dan iseħħ.

Dawn huma: Fr. Raymond Falzon OFM (Valletta); Fr. Ramon Farrugia OFM (Rabat); Fr. Joseph Magro OFM (Għawdex); Fr. Clive Camilleri OFM (Sliema); Fr. Paul Attard OFM (Baħar iċ-Ċagħaq S. Marija tal-Anġli); Fr. Anton Farrugia OFM (Hamrun); Mr. Paul Camilleri (Porziuncola Retreat House u Domus Pacis)

## *Laqgħa tas-Seġretarjat għall-Missjonijiet u l-Evanġelizzazjoni tal-Konferenza Inġliża f'Malta*

Bejn it-12 u l-15 ta' Settembru, is-Seġretarji tal-Missjonijiet u l-Evanġelizzazjoni tal-Konferenza Ingliża iltaqgħu Malta għall-laqgħa annwali tagħhom.



Fost dawk li kienu qed jieħdu sehem għal dawn il-laqgħat li saru fid-Dar tal-Irtiri Porzjuncola, kien hemm il-Ministru Provinċjal Fr. Richard S. Grech OFM bħala 'liaison' tal-grupp, Fr. Lorrie Zerafa OFM li huwa s-Seġretarju tal-Missjonijiet u l-Evanġelizzazjoni tal-Provinċja tagħna.

Fuq l-aġenda għad-diskussjoni kien hemm dak li qed issir f'kull Provinċja/Kustodja u jekk hemm xi problemi x'jista jsir. Fr. Russel Murry OFM animatru Ġenerali għal-Evanġelizzazjoni tkellem fuq dak li qed jiġri fuq livell ta' Ordni. Huwa tkellem fit-tul fuq d-dokument tal-Kapitlu Ġenerali: "Going to the Peripheries with the Joy of the Gospel—2015" u fuq l-importanza li issa li diġa għaddiet sena mil-Kapitlu, jibda jiġi attwalizzat fil-provinċji tagħna. Fl- intervent li kellu l-Ministru Ġeneral, tkellem fuq l-importanza li għandna nagħtu lill-missjonijiet bħala karatteristika li dejjem kellna fl-Ordni tagħna.



L-aħħar laqgħat kienu kkonċentrati fuq ir-reviżjoni tal-istatuti u n-normi, kif ukoll reviżjoni biex jaraw jekk hemmx bżonn ta' proġetti missjunarji ġodda waqt li jkomplu jieħdu ħsieb dawk li hemm fil-preżent.



**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA - **Editur:** P. Joseph Magro OFM*
***eMail:** jmagro@ofm.org.mt - **tel:** +356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*